# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 23 ta' Settembru, 2015**

**Talba Nru: 620/2015/VG**

**Banif Bank (Malta) plc (C41030)**

**Vs**

**Jennifer ZAMMIT [ID 418990M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-3 ta' Awwissu, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elf hames mija u tmenin euro u sitta u hamsin centezmi ta' euro [€1,580.56c] oltre l-imghaxijiet u l-ispejjez u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta hi debitrici tal-kumpanija attrici fis-somma t'ef, hames mija u tmenin Euro u sitta u hamsin centezmu (€1,580.56) liema somma tikkonsisti fis-segwenti:
>
> 1. Fuq il-Loan Account Nru. 403547.71.001 li l-konvenuta ghandha mal-kumpanija attrici (ara l-Loan Agreement markat

Dok. A), hemm dovut l-ammont ta' elf u sebgha u erbghin Euro u centezmu (€1,047.01) li sal-24 ta' Lulju 2015 kien jinkludi mghaxijiet ta' hmistax-il Euro u tmienja u hamsin centezmu (€15.58) (ara l-istatement bankarju markat (Dok. B); u

2. Fuq il-Current Account Nru. 403547.10.001 li l-konvenuta ghandha mal-kumpanija attrici (ara l-account opening form markata Dok. C), hemm dovut l-ammont ta' hames mija, tlieta u tletin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€533.55) li sal-24 ta' Lulju 2015 kien jinkludi mghaxijiet ta' tliet Euro u wiehed u erbghin centezmu (€3.41) (ara l-istatement bankarju markat (Dok. D). Dan l-ammont jikkonsisti fi spejjez relatati mad-dejn akkumolat fuq il-Loan Account;

Is-somma mitluba f'din il-kawza saret dovuta kollha lill-kumpanija attrici ai termini:

1. Tal-Artikolu 10 tal-Loan Agreement markat Dok. A u dan ghax sehhew wahda jew aktar mill-events of default imsemmija fl-istess Loan Agreement, partikolarment, izda mhux esklussivament:

   "a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,

   b) The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,

n) Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility"; u

2. T'Artikolu 5 tat-Terms and Conditions (ara Dok. E) u t'Artikolu 6 tal-Conditions of Use (ara Dok. F) marbuta mal-Current Account.

Illi l-kumpannija attrici interpellat lill-konvenuta divers drabi biex thallasha l-ammont minnha dovut, fosthom permezz t'ittra legali datata 17 ta' Marzu 2015 (ara Dok. G) u ittra ufficjali numru 875/2015 (ara Dok. H) mahruga a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u prezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) (din tal-ahhar baqghet ma gietx notifikata minkejja diversi tentattivi biex isir dan), izda din baqghet inadempjenti u ghalhekk din is-somma ghadha ma thallsitx u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Ghaldaqstant, il-kumpanija attrici titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jiddikjara lill-konvenuta debitrici taghha fis-somma ta' €1,580.56 u li konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-istess kumpanija attrici din is-somma.

Bl-ispejjez, bank charges and fees u bl-imghaxijiet mill-24 ta' Lulju 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

Il-bank charges u fees qed jintalbu ai termini tal-Loan agreement msemmi f'din il-kawza, t-Tariff of Charges relattivi ghall-Personal Loans (ara Dok. I) u t-Tariff of Charges relattivi ghall-Current Accounts (ara Dok. J), liema dokumenti tqiesu li

saru japplikaw ghall-konvenuta appena din hadet l-facilitajiet bankarji minghand il-kumpanija attrici.

L-imghaxijiet qed jintalbu bir-rati segwenti:

1. Tnax punt hamsa zero fil-mija (12.50%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq il-Loan Account fuq imsemmi (ara Artikoli 5 u 11 fuq Dok. A), u

2. Ghaxra fil-mija (10.00%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Current Account fuq imsemmi (ara marker bl-orangjo) fuq Dok. J).

Il-konvenuta qeghda minn issa tigi ngunta in subizzjoni. Dan kollu qed jintalab minghajr pregudizzju u b'rizerva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpanija attrici fil-konfront tal-konvenuta".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata fit-12 ta' Awwissu, 2015 u baqghet ma resqitx risposta fit-terminu preskritt mill-ligi.

Ra n-nota ta' riduzzjoni mressqa mis-socjeta rikorrenti llum stess.

Semgha lill-intimata tiddikjara li l-ammont kif ridott flimkien ma l-imghaxijiet u l-ispejjez huma dovuti minnha.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti talbet il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta' elf hames mija u tmenin euro u sitta u hamsin centezmi ta' euro [€1,580.56c] oltre l-imghaxijiet u l-ispejjez ghar-ragunijiet kif spjegati fit-Talba.

   Ikkunsidra;

2. Is-socjeta rikorrenti resqet illum stess nota li permezz taghha rriduciet il-pretensjoni taghha ghas-somma ta' hames mija u tmenin euro u sitta u hamsin centezmi oltre l-imghaxijiet bir-rati msemmija fit-talba, bank charges u fees.

3. L-intimata, llum stess, ammettiet li hija ghad fadlilha thallas l-ammont ridott oltre l-imghaxijiet, bank charges u fees.

4. In vista ta' l-ammissjoni registrata mill-intimata, t-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti, hekk kif ridott permezz tan-nota minnha ntavolata llum stess, huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

   Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi, in vista ta' l-ammissjoni ta' l-intimata, jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti, kif ridott permezz tan-nota minnha ntavolata llum stess, fl-ammont ta' hames mija u tmenin euro u sitta u hamsin centezmi ta' euro [€580.56c] bl-imghaxijiet u l-ispejjez kif mitluba, sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 875/15, huma a kariku tal-intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**

**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**